

32000R2734

15.12.2000

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 316/45

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2734/2000
ta' l-14 ta' Diċembru 2000**

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1627/89 dwar ix-xiri għall-ħażna tal-laħam taċ-ċanga permezz tas-sejħa għall-offerti u li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 532/2000 li jistabbilixxi regoli ddettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 rigward ix-xiri għall-ħażna tal-laħam taċ-ċanga jew li jemendah

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-laħam taċ-ċanga u l-vitella⁽¹⁾, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 907/2000⁽²⁾, u b'mod partikolari Artikoli 38(2) u 47(8) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1627/89 tad-9 ta' Ġunju 1989 dwar ix-xiri għall-ħażna tal-laħam taċ-ċanga b'sejħa għall-offerti⁽³⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2652/2000⁽⁴⁾, jiftaħ ix-xiri għall-ħażna b'sejħa għall-offerti f'ċerti Stati Membri jew fir-reġjuni ta' Stat Membru għal ċerti gruppi ta' kwalità.
- (2) L-avvenimenti riċenti li jinvolvu l-enċefalopatija spungiforma fil-bhejjem tal-fart (BSE) iprovokaw tnaqqis serju fil-fiduċja tal-konsumaturi fis-sigurezza tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella. Dan wassal għal tnaqqis qawwi fil-konsum tal-laħam taċ-ċanga u twaqqiġh sinifikanti fil-prezzijiet, li jista' jissokta għal tul ta' żmien mhux ħażin. Minħabba dan, is-suq fil-laħam taċ-ċanga u l-vitella huwa mfixxkel b'mod gravi u hemm ir-riskju li jista' jikkollassa għal kollox. Għalhekk huma meħtieġa miżuri urġenti ta' appoġġ skond Artikolu 38(1) tar-Regolament (KE) Nru 1254/1999.
- (3) Minħabba s-sitwazzjoni tas-suq deskritta hawn fuq u sabiex tiġi mtejba l-effikaċja tal-miżuri li jridu jittieħdu, għandhom jiġu aċċettati prodotti addizzjonali għall-intervent, għandhom jiġu aċċettati l-karkassi tal-bhejjem li jkollhom jinżammu għal perjodu taż-żmien itwal mis-soltu minħabba d-domanda baxxa u li jaqbżu l-piż massimu permess, u fl-aħħar, għandha tiġi aġġustata temporanjament iż-żieda li trid tiġi applikata għall-prezz medju tas-suq sabiex jiġi kalkolat il-prezz massimu tax-xiri għall-ħażna sabiex jitqiesu b'mod partikolari l-ispejjeż miżjuda u d-dħul imnaqqas fis-settur.
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 716/96 tad-19 ta' April 1996 li jadotta miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq tal-laħam taċ-ċanga fir-Renju Unit⁽⁵⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1176/2000⁽⁶⁾, adotta miżuri speċjali rigward il-bhejjem tal-fart imrob-bija fir-Renju Unit li għandhom aktar minn 30 xahar

għomor. Dawn il-miżuri jikkomprenđu l-qatla u l-qerda sossegwenti ta' dawn il-bhejjem. Il-bhejjem ikkastrati mir-Renju Unit li jaqbżu dan il-għomor mhumiex għaldaqstant eleġibbli għall-intervent pubbliku. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/764/KE⁽⁷⁾ tistabbilixxi illi bhejjem tal-fart ta' aktar minn 30 xahar għomor bla ħsara għall-qatla normali għall-konsum mill-bniedem iridu jiġu eżaminati permezz ta' wieħed mit-testijiet imħaffa elenkati f'Anness IV(A) mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/272/KE⁽⁸⁾, kif emendata bid-Deċiżjoni 2000/374/KE⁽⁹⁾, mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2001. Il-bhejjem li ma kenux bla ħsara għal dawn it-testijiet ma jistgħux għaldaqstant jiġu aċċettati għall-intervent pubbliku bil-ħsieb tad-disponiment sossegwenti fis-suq.

- (5) Sabiex l-intervent jiżviluppa l-impatt sħiħ tiegħu, għandha tinfetaħ sejħa speċjali tat-tieni għall-offerti għax-xahar ta' Diċembru 2000. Għal dan il-għan, għandha tiġi stabbilita temma addizzjonali taż-żmien għas-sottomissjoni ta' l-offerti u perjodu fiss taż-żmien għall-kunsinna.
- (6) Minħabba l-problemi għar-reġistrazzjoni tal-prezzijiet fejn teżisti ftit li xejn attività fis-suq u meta jitqiesu x-xejriet tal-prezzijiet Komunitarji, jista' jinħtieġ li jiġi assunt illi l-prezz medju tas-suq Komunitarju, riferit fl-ewwel inċiż ta' Artikolu 47(3) tar-Regolament (KE) Nru 1254/1999, ikun inqas minn 84 % tal-prezz ta' l-intervent u li l-aħħar prezz ta' kull ġimgħa tas-suq irregiġtrat ikun biżżejjed sabiex tinfetaħ it-tieni sejħa għall-offerti għal Diċembru 2000.
- (7) Sabiex jiġi ttrattat iktar disturb fis-suq li jista' jirriżulta mid-dħul fis-suq ta' numri sostanzjali ta' bhejjem maskili għall-ħażna li joriġinaw fil-Komunità, li jkun għew miżmuma fl-azjendi tagħhom minħabba n-nuqqas tad-domanda u li għalihom dawn l-azjendi ma għandhomx iktar għalf, għandhom jiġu adottati miżuri ta' appoġġ meħtieġa u għandu jiġi permess ix-xiri għall-ħażna tal-karkassi minn dawn il-bhejjem. Barra minn dan, sabiex jiġi prevenut ix-xiri għall-ħażna tal-bhejjem kważi lesti għas-suq, għandu jiddaħħal limitu fuq il-piż tal-karkassi eleġibbli skond dawn l-arranġamenti. Sabiex jiġi evitat li tingħata għajna iddupplikata, għandu jiddaħħal mekkaniżmu fejn il-ħlas sħiħ tal-prezz tax-xiri għall-ħażna għandu jkun provvdut bil-kondizzjoni illi l-produttur ma jkunx applika għall-premium speċjali referit f'Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1254/1999 għall-bhima interessata. Fl-aħħarnett, huma meħtieġa wkoll iktar żidiet mill-iskema normali ta' l-intervent stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 1254/1999 jew derogi minnu.

⁽¹⁾ ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 21.

⁽²⁾ ĠU L 105, tat-3.5.2000, p. 6.

⁽³⁾ ĠU L 159, tal-10.06.1989, p. 36.

⁽⁴⁾ ĠU L 303, tat-2.12.2000, p. 9.

⁽⁵⁾ ĠU L 99, tal-20.4.1996, p. 14.

⁽⁶⁾ ĠU L 131, ta' l-1.6.2000, p. 37.

⁽⁷⁾ ĠU L 305, tas-6.12.2000, p. 35.

⁽⁸⁾ ĠU L 122, ta' l-24.4.1998, p. 59.

⁽⁹⁾ ĠU L 135, tat-8.6.2000, p. 27.

- (8) Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u li jirrigwarda t-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti mil-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 ⁽¹⁾, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2258/2000 ⁽²⁾, jintroduċi t-tikkettjar obbligatorju tal-laħam taċ-ċanga li jridu jħarsu l-prodotti ta' l-intervent.
- (9) Ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 562/2000 ⁽³⁾ għandhom jiġu derogati minnhom jew emendati kif jixraq.
- (10) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Maniġerjali tal-Laħam taċ-ċanga u l-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness mar-Regolament (KEE) Nru 1627/89 jiġi mibdul bl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Minkejja l-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 562/2000, il-prodotti addizzjonali li jistgħu jiddaħħlu għall-intervent għandhom ikunu kif ġej:

- il-kategorija A, il-klassi 02 u l-klassi 03,
- L-Irlanda: il-kategorija Ċ, il-klassi 04,
- Ir-Renju Unit - l-Irlanda ta' Fuq: il-kategorija Ċ, il-klassi 04,

Artikolu 3

B'żieda ma' Artikolu 4(2) tar-Regolament (KEE) Nru 562/2000:

- (a) il-karkassi u n-nofs karkassi tal-bhejjem ikkastrati mrobbija fir-Renju Unit li għandhom iktar minn 30 xahar għomor ma jistgħux jinxtrow għall-ħażna;
- (b) fl-Istati Membri l-oħra, il-karkassi u n-nofs karkassi tal-bhejjem ikkastrati li għandhom iktar minn 30 xahar għomor u li ma kenux ġew soġġetti għal wieħed mit-testijiet imħaffa elenkati f'Anness IV(A) tad-Deċizzjoni 98/272/KE, ma jistgħux jinxtrow għall-ħażna.

Artikolu 4

Għandha tinfetaħ talba speċjali tat-tieni għax-xahar ta' Diċembru 2000.

⁽¹⁾ ĠU L 204, tal-11.8.2000, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 258, tat-12.10.2000, p. 26.

⁽³⁾ ĠU L 68, tas-16.3.2000, p. 22.

Għal dan il-għan:

- b'żieda ma' Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 562/2000, id-data ta' l-għeluq għas-sottomissjoni ta' l-offerti għandha tkun it-tielet nhar ta' Tlieta tax-xahar ta' Diċembru 2000,
- minkejja Artikolu 16(2) tar-Regolament (KE) Nru 562/2000, il-perjodu taż-żmien għall-kunsinna għandu jtemm fit-12 ta' Jannar 2001.

Artikolu 5

Minkejja Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 562/2000:

- is-sejħiet għall-offerti jistgħu jinfetħu meta Stat Membru jew reġjun ta' Stat Membru jilhq u l-kondizzjoni stabbilita fit-tieni inċiż ta' l-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 47(3) tar-Regolament (KE) Nru 1254/1999,
- il-prezzijiet l-iktar tard tal-ġimgħa tas-suq reġistrati fl-Istati Membri jew fir-reġjuni ta' l-Istati Membri għandhom ikunu biżżejjed sabiex jiftħu ix-xiri għall-ħażna riferita f'Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament

Artikolu 6

1. Minkejja Artikolu 4(2)(g) tar-Regolament (KE) Nru 562/2000, il-piż massimu tal-karkassi referit fih għandu jkun ta' 380 kg. Madankollu, għall-ewwel żewġ sejħiet għall-offerti l-piż massimu għandu jkun ta' 430 kg.

2. Minkejja Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 562/2000:

- (a) fil-każ tas-sejħiet għall-offerti skond Artikolu 47(3) tar-Regolament (KE) Nru 1254/1999, iż-żieda li tapplika għall-prezz medju tas-suq għandha tkun ta' 4 euro għal kull 100 kg tal-piż tal-karkassa;
- (b) fil-każ tas-sejħiet għall-offerti skond Artikolu 47(5) tar-Regolament (KE) Nru 1254/1999, iż-żieda li tapplika għall-prezz medju tas-suq għandha tkun ta' 14-il euro għal kull 100 kg tal-piż tal-karkassa;

Artikolu 7

Ix-xiri għall-ħażna skond ir-Regolamenti (KE) Nru 562/2000 u dan ir-Regolament għandu jkun miftuħ rigward il-karkassi u n-nofs karkassi tal-bhejjem maskili li joriġinaw fil-Komunità taħt il-għomor ta' 12-il xahar fil-kategorija A u taħt il-għomor ta' 14-il xahar fil-kategorija Ċ.

Għal dan il-għan:

- il-piż tal-karkassa għandu jkun bejn il-140 u l-2000 kg u l-karkassi ma għandhom juru l-ebda deformità jew anomalità fil-piż vis-a-vis il-għomor tal-bhima,

- meta l-karkassi u n-nofs karkassi preżentati għall-intervent ikunu ta' bhejjem ta' mill-inqas disa' xhur għomor, il-prezz ta' xiri għall-ħażna li jrid jiġi mħallas lil min jirbaħ l-offerta għandu jiġi mnaqqas b'61 euro għal kull nofs karkassa ikkunsinnata. Madankollu, meta tiġi pprovduta prova illi l-ebda *premium* speċjali ġie applikat rigward il-bhima interessata, dan it-tnaqqis ma għandux japplika,
- il-prezz offrut għandu jkun mingħajr referenza għall-kwalità tal-prodott,
- Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 562/2000 għandu japplika għax-xiri għall-ħażna kif riferit f'dan l-Artikolu. Madankollu, il-koeffiċjenti stabbiliti jistgħu jkunu differenti minn daww stabbiliti skond dan l-Artikolu fil-każ tax-xiri għall-ħażna ta' prodotti oħra,
- id-dispożizzjonijiet li ġejjin tar-Regolament (KE) Nru 562/2000 ma għandhomx japplikaw:
 - (a) Artikolu 4(3)(b) u (ċ), bl-eċċezzjoni tal-marki li jindikaw il-kategorija u n-numru tal-qatla;
 - (b) Artikolu 18(3)(b);
 - (ċ) Artikolu 20, għajr fir-Renju Unit u l-Portugall;
 - (d) Artikolu 36;
 - (e) it-tagħrif f'Anness II li għandu x'jaqsam mal-klassifika tal-prodotti.

Barra minn dan, rigward il-prodotti mixtrija skond dan l-Artikolu:

- minkejja Artikolu 11(5)(a) tar-Regolament (KE) Nru 562/2000, l-offerti jrid ikollhom x'jaqsmu ma' mill-inqas 5 tunnellati metriċi,

- meta jiġu nnotifikati l-offerti lill-Kummissjoni, l-aġenziji ta' l-intervent għandhom jispeċifikaw il-kwantitajiet interessati,
- dawn il-prodotti għandhom jiġu maħżuna separatament, f'lottijiet li jistgħu jiġu identifikati faċilment skond is-sejħa għall-offerti jew skond id-data ta' meta nħażnu,
- in-notifiki provduti f'Artikoli 31(1), (2), (3) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 562/2000 għandhom jintbagħtu separatament minn daww meħtieġa għal prodotti oħra ta' l-intervent.

Artikolu 8

Il-punt li ġej jiżdied ma' Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 562/2000:

- “(d) ittikkettjati skond is-sistema mdahhla bir-Regolament (KE) Nru 1760/2000.”

Artikolu 9

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika għat-tieni sejħa għall-offerti miftuħa f'Diċembru 2000 u għas-sejħiet għall-offerti miftuħa matul l-ewwel kwart tas-sena 2001.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-14 ta' Diċembru 2000.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANEXO — BILAG — ANHANG — ΠΑΡΑΡΤΗΜΑ — ANNEX — ANNEXE — ALLEGATO — BIJLAGE — ANEXO — LIITE — BILAGA

Estados miembros o regiones de Estados miembros y grupos de calidades previstos en el apartado 1 del artículo 1 del Reglamento (CEE) n° 1627/89

Medlemsstater eller regioner og kvalitetsgrupper, jf. artikel 1, stk. 1, i forordning (EØF) nr. 1627/89

Mitgliedstaaten oder Gebiete eines Mitgliedstaats sowie die in Artikel 1 Absatz 1 der Verordnung (EWG) Nr. 1627/89 genannten Qualitätsgruppen

Κράτη μέλη ή περιοχές κρατών μελών και ομάδες ποιότητας που αναφέρονται στο άρθρο 1 παράγραφος 1 του κανονισμού (ΕΟΚ) αριθ. 1627/89

Member States or regions of a Member State and quality groups referred to in Article 1(1) of Regulation (EEC) No 1627/89

États membres ou régions d'États membres et groupes de qualités visés à l'article 1^{er}, paragraphe 1, du règlement (CEE) n° 1627/89

Stati membri o regioni di Stati membri e gruppi di qualità di cui all'articolo 1, paragrafo 1, del regolamento (CEE) n. 1627/89

In artikel 1, lid 1, van Verordening (EEG) nr. 1627/89 bedoelde lidstaten of gebieden van een lidstaat en kwaliteitsgroepen

Estados-Membros ou regiões de Estados-Membros e grupos de qualidades referidos no n.º 1 do artigo 1.º do Regulamento (CEE) n.º 1627/89

Jäsenvaltiot tai alueet ja asetuksen (ETY) N:o 1627/89 1 artiklan 1 kohdan tarkoittamat laaturyhmät

Medlemsstater eller regioner och kvalitetsgrupper som avses i artikel 1.1 i förordning (EEG) nr 1627/89

Estados miembros o regiones de Estados miembros	Categoría A	Categoría C				
Medlemsstat eller regioner	Kategori A	Kategori C				
Mitgliedstaaten oder Gebiete eines Mitgliedstaats	Kategorie A	Kategorie C				
Κράτος μέλος ή περιοχές κράτους μελους	Κατηγορία Α	Κατηγορία Γ				
Member States or regions of a Member State	Category A	Category C				
États membres ou régions d'États membres	Catégorie A	Catégorie C				
Stati membri o regioni di Stati membri	Categoria A	Categoria C				
Lidstaat of gebied van een lidstaat	Categorie A	Categorie C				
Estados-Membros ou regiões de Estados-Membros	Categoria A	Categoria C				
Jäsenvaltiot tai alueet	Luokka A	Luokka C				
Medlemsstater eller regioner	Kategori A	Kategori C				
	U	R	O	U	R	O
Belgique/België		x	x			
Deutschland	x	x	x			
España	x	x	x			
France	x	x	x			x
Irland				x	x	x
Italia	x	x	x			
Nederland		x				
Österreich			x			
Northern Ireland				x	x	x